10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 10**

**It-Tlieta 29 t'Ottubru 2024**

Il-laqgħa numru 10 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-Tlieta 29 t'Ottubru 2024 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Karl Carabott (online)

Is-Sur Darren Grech

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Joe Vella

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Is-Sur Stephen Sultana

**ASSENTI:**

Is-Sa Roberta Sultana

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Naomi Baldacchino — Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

**1 Qari tal-ittri t'apoloġija**

F'din il-laqgħa kien hemm ittra ta' apoloġija waħda tas-Sur Stephen Sultana.

**2 Komunikazzjoni mis-Sindku u korrispondenza oħra**

2.1 Is-Sindku informa li wara li tkellem mas-Sur Patrick Mifsud, dan ta' l-aħħar infurmaħ li għandu mudell ta' l-akwadott li kien qed jiġi magħmul minn missieru li sfortunatament m'għadux magħna u għaldaqstant qed jara il-Kunsill ux interessat sabiex jikseb dan il-mudell. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera preżenti qablu bil-kundizzjoni li titneħħa l-arma ta' Fleur De Lys li tinsab fuq l-istess mudell.

2.2 Is-Sindku informa li għal okkażżjoni tal-festa tal-mejtin, il-Kappillan flimkien ma' l-Abbatini qed jagħmel ġabra ta' prodotti sabiex jingħataw lil dawk fil bżonn. Huwa ppropona li l-Kunsill jagħmel xirja ta' EUR30 u tiġi donata għal dan il-għan. Wara diskussjoni, il-membri tal-kunsill qablu unanimament.

2.3 Is-Sindku informa li għar-rigward tash-Shield li hemm bżonn għal okkażjoni tat-tournament tal-Klabb tal-Boċċi Santa Venera, huwa tkellem mas-Sur Edmond Sciberras li jispeċċjalizza fuq xogħol ta' skultura, sabiex dan jiġi kkunsidrat sabiex jaħdem din is-Shield. Huwa qed jitlob prezz ta' EUR500. Wara diskussjoni, il-membri tal-kunsill ma qablux ma dan l-prezz u qed jissuġġerixxu li tinġieb kwotazzjoni mingħand Horace Enterprises.

2.4 Is-Sindku informa rigward l-Iskema Vjal Kullhadd fejn qed jipproponi sabiex l-applikazzjoni ghal-ispazju miftuh aħdar ssir ghal-Pjazza Franka. Il-Periti tal-Kunsill għandom il-pjanti pero' qed jiġi propost li dawn jiġu maħruġa għal pubbliku suġġett jingħatawx il-

fondi jew le. Oltre, il-pjanti jistgħu jinbidlu pero' ma jinbidilx il-kunċett ta pjazza perezemju li ssir parking area. Wara diskussjoni, il-membri qablu ma din il-proposta.

3. **Nominazzjonijiet – Ġieħ u Mertu Santa Venera 2024**

3.1 Is-Sindku informa bl-għażliet tal-Bord ta' L-Għażla ta Gieħ Santa Venera, fejn qara li bħala nominati tal- Ġieħ kien hemm;

-Is-Sur Alfred Mizzi

-Is-Sur Salvu Spiteri

-St.Elias College

-Klabb tal-Boċċi

-Il-Kappillan Fr.Maurice Abela

Nominati Mertu;

-Is-Sa Amanda Galea

-Fr.Louis Saliba

-Is-Sur James Emanuel Stivala

-Is-Sa Anita Vella Bondin

Wara diskussjoni, il-membri qablu ma' l-għażliet li huma Fr.Maurice Abela u Fr.Louis Saliba rispettivament għal Ġieħ u Mertu.

**Rikonoxximent**

**Unuri lokali u internazzjonali:**

Kailey Brincat (Preżentat lill-Santa Venera f'diversi konkorsi)

Brittany Spiteri (Preżentat lill-Santa Venera f'diversi konkorsi)

Mattia Bezzina (Abbati li wettaq l-esperjenza bħala Abbati fil-Vatikan)

Juan Bonnici (Abbati li wettaq l-esperjenza bħala Abbati fil-Vatikan)

Nikolai Tabone (Abbati li wettaq l-esperjenza bħala Abbati fil-Vatikan)

Elia John Borg Bonaci (Abbati li wettaq l-esperjenza bħala Abbati fil-Vatikan)

Lisa Camilleri (Preżentat lill-Santa Venera f'diversi konkorsi)

Mila Scerri de Carlo (Preżentat lill-Santa Venera f'diversi konkorsi)

Adrian Sciberras (Vendriż, li laħaq Assistent Surmast ta' Soċjeta Mużikali ġewwa Ħal

Għaxaq)

**Eks-Kunsilliera:**

Kursten Dimech (Wettaq xogħol ta' Kunsillier bejn l-2019 u l-2024)

Courtney Farrugia (Wetqet xogħol ta' Kunsillier bejn l-2019 u l-2024)

**Xogħolhom fil-Komunita:**

Clive Mallia (Wettaq dmiru bħala Pulizija)

Aiden Demicoli (Wettaq dmiru bħala Pulizija)

Marisa Pisani (Vendriża, u tokkupa l-irwol ta' Direttur fil-qasam tal-Gvern Lokali)

Patri Joseph Falzon (Wettaq ix-xogħol tiegħu bħala Pirjol)

Patri Jurgen Cucciardi (Wettaq ix-xogħol tiegħu bħala Pirjol)

Rennie Briffa

Jesmond Xuereb

Raymond Farrugia

Emanuel Muscat

Mario Farrugia u Evelyn Farrugia

Joseph Micallef

Alfred Grech

Myra Baldacchino

Clive Tanti

Chris Micallef

**Rebbieħ tal-Kompetizzjoni tal-isbaħ ritratt tal-Festa 2024:**

Paul Saliba (Rebbieħ tal-Kompetizzjoni tal-isbaħ ritratt tal-Festa 2024)

**Ex-Board tal-Ġieħ u Mertu Santa Venera:**

Lino Debono

Mark Borg

Raymond Scerri

George Debono

**Anniversarji:**

Klabb tal-Boċċi

Soċjeta Filarmonika Santa Venera

Girl Guides

Kulleġġ San Elija

Wara diskussjoni, fuq xewqa tas-Sindku, il-Kunsilliera qablu li kull wieħed u waħda minnhom ikun qed jippreżenta rikonoxximent skond id-dikasteri.

Il-Laqgħa intemmet għal ħin tas-6pm

Iffirmat
Gianluca Falzon
Sindku

Iffirmat
Tiffany Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv